kelmiet : *ġibed* flok *ġadab*; hekk *ġebbieda* flok il-kelma Għarbija *ġallâba*; *ġlied* flok *ġadâl* mill-għerq *ġadal(a)*.

L-*Aferesi*, jiġifieri qtugħ ta' ittra jew sillaba fil-bidu tal-kelma nsibuha f'ħafna kliem bil-Malti aktarx ġejjin mit-Taljan, fosthom nistgħu nsemmu dawn : *sptar* minn *ospedale*; *anterna* minn *lanterna*; *otterija* minn *lotterija*; *atticini* minn *latticini*; *jabbli* minn *affabile*; *stoċċ* minn *astuccio*; *ittra* minn *lettera*; *spraġ* minn *asparago*; *storbju* minn *disturbo*; *rambaġġ* minn *arrembaggio*; *riegnu* minn *origano*; *lastku* minn *elastico*; *żarma* minn *disarmare*; *Lixandra* minn *Alessandria*; *Taljan* minn *Italiano*; *alonga* minn *alalonga*; *ardu* minn *lardo* jew *lard* (Ingl.); *ajk* minn *laico*; u oħrajn.

## SĦAB . . .

*Ta'* C. Cassar

*(Waqt attakk mill-ajru)*

Harist fis-sema. Sħab mudlam sewdieni
Kien joħnoq ġmiel u difa. L-ebda dija
Ma timraħ l-għajn ta' kwiekeb imbikkija :
Donnu ġġedded il-jum tad-dnub ewlieni.

Mid-dlamijiet ta' l-art, dawl twil qalbieni
Jidher jitliegħeb ; jgħarrex fit-tfittxija
L-għadu qalil, ta' ħsejjes qerredija
Li jnisslu l-biża' u 'l ħadd ma jħallu hieni.

Sħab ieħor ikreh nara jien madwari
Jitħabbel miegħi u jtaqqalli 'l qalbi ;
Ifakkarni fl-imrar li ħassejt dari.

U moħħi jogħla 'l fuq, fejn qtajja' qtajja'
Jimirħu l-ħsibijiet, 'ma xewqat talbi
Ifittxu d-dawl waħdieni—id-dawl ta' ħajja !



# REĊENSJONIJIET

**"KALENDARJU TAL-ĦXEJJEX U ĦWAWAR"** ta' Kelinu Vella Haber. Stamperija tad-Dar ta' San Ġużepp, Ħamrun. 1958. Paġ. 32.

Is-sena l-oħra kont ktibt kelmtejn dwar xogħol ieħor tas-Sur Vella Haber li kien jittratta fuq il-fjuri. Issa l-awtur tana dan il-ktieb tiegħu fuq ħxejjex u ħwawar. Il-ktieb maqsum fi tliet taqsimiet: fl-ewwel waħda l-awtur jagħti tagħrif ġenerali fuq il-ħxejjex tal-kċina, dawk tal-ħwawar u dawk tal-fwejjaħ; fit-tieni taqsima hemm tagħlim fuq il-koltivazzjoni f'kull xahar; fit-tielet taqsima hemm lista ta' ħxejjex u frottijiet li wieħed jista' jiżra, ixettel jew ikabbar fil-Gżejjer tagħna.

Laqtuni f'dan il-ktieb is-sistema ċar u ħafif li bih hu miktub biex iwissi u jgħallem u l-qarrej bla dubju jagħmel profitt mill-qari ta' dan il-ktieb għax il-kittieb hu magħruf tajjeb u mħarreġ tassew dwar is-suġġett u għandu xeħta biex dak li hu jaf ifissru lill-qarrej.

Il-lum hawn ħafna djar li għandhom daqsxejn ħamrija jew għall-inqas ħawt bit-trab fejn jiżirgħu xi ħxejjex u ħwawar għad-dar. Din hija drawwa ta' min ifaħħarha għax il-mara tad-dar mhux dejjem issib tixtri dawk il-ħwawar u jista' jkun li ma ssibhomx meta l-aktar li jkollha bżonnhom; barra dan hi mhux biss tiffranka, iżda tkun tista' tħejji tisjir għall-familja aktar tajjeb u appetituż.

Għalhekk l-awtur ħaqqu tifħir għal din is-sensiela ta' kotba ta' tagħlim li qiegħed joħroġ u l-poplu jmissu jagħmillu l-ħila billi jikseb kopji ta' dawn ix-xogħlijiet.

G.

**"QTAR TA' NIDA"** — Gius. Mifsud Bonniċi. — Empire Press 1958. pp. 70.

Bħalma kiteb P. G. Delia S.J. fid-"Daħla" sabiħa għal din il-ġabra ta' poeżiji, *"hu l-iktar dawn il-ħsibijiet li hemm miġbura fih, li jagħtu l-veru valur lil dan il-ktieb"*.

L-awtur, li dejjem kellu għal qalbu t-tagħlim u l-edukazzjoni taż-żgħażagħ, b'din il-ġabra ta' poeżiji aktar kellu f'moħħu l-ħsieb li jgħallem milli jagħtina poeżiji ta' valur kbir letterarju. U dan il-ħsieb l-awtur innifsu ma ħbiehx meta fissru mill-ewwel fil-poeżija li kiteb bħala introduzzjoni għall-ktieb tiegħu :

*Għeżież tfal twajba,*
*Hejjejtu għalikom*
*Dal-ktejjeb tiegħi,*
*Biex trawmu fikom*
*Qalb li tħobb 'l Alla,*
*Tħeġġeġ bħan-nar,*
*Tħobb 'l art twelidkom,*
*L-iskola, id-dar.*

Imma waqt li naqraw l-istrofi sbieħ u mexxejja, aħna nsibu fihom — l-iżjed tat-tfal u mhux biss it-tagħlima li tiswa ħafna għall-ħajja — iżda wkoll xi deskrizzjonijiet milqutin li għandhom jogħġbu ż-żgħażagħ—iżda wkoll xi deskrizzjonijiet milqutin li għandhom jogħġbu lil kull min jaqrahom. Ara kif jiddeskrivi lill-"Kburi". Barra li jagħ-